Minuti tas-46 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-45 laqgha.**

1.1 Emanuel Muscat talab kjarifika dwar 4.2. Gie spjegat illi UIF tfisser Urban Improvement Fund. Is-Sindku spjega dak li ntqal u gie deciz kif registrat f'punt numru 4.2 tal-Minuti tal-laqgha 45.

1.2 Il-Minuti tal-45 laqgha gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. Il-Kunsill mar ghal punt 4 tal-Agenda il-**Laqgha Generali Annwali**. Il-Kunsill qabel li din ghandha tinzamm l-Erbgha 30 ta' Jannar, 2013 hin 4.45pm. Ser isir l-avviz fuq il-gazzetta tal-Gvern kif ukoll mal-bullettin.

3. Il-Kunsill mar ghal punt numru 6 tal-Agenda il-**Karnival 2013**.

3.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata s-serata tal-Karnival il-Hamis 7 ta' Frar, 2013 fi Pjazza Zjara tal-Madonna l-Gharb. Il-Kunsill iddiskuta l-programm kif ukoll il-budget relatat ma din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li fil-programm ghandhom ikunu nkluzi l-banda tal-lokal kif ukoll il-maskaruni. Is-Sindku spjega illi peress li l-Kunsill ghandu *commitments* ta' progetti kapitali bhac-Centru Civiku u PPP ghandu jzomm l-ispejjez ta' dawn l-attivitajiet kemm jista' jkun baxxi. Is-Sindku spjega illi qed jingabru wkoll xi sponsors ghall-attivita'.

4.0 Il-Kunsill mar ghal punt numru 8 tal-Agenda. **Skeda ta'pagamenti**.

4.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

5.0 Il-Kunsill ghadda ghall-punt numru 2 tal-Agenda **Offerti u Kwotazzjonijiet**.

**5.1 Offerta gbir ta' skart domestiku.**

5.2 Gie trattat ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni mahtur biex jaggudika dawn l-offerti kompost minn Dr Joshua Grech, Not. Josette Spiteri Cauchi u Paul Zahra. Il-bord qed jirrakkomanda illi l-offerta tinghata lil KIP Ghawdex Ltd. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi l-offerta ta' KIP ma kinitx l-irhas wahda sottomessa u rrefera ghar-rapport tal-Bord fejn inqraw ir-ragunijiet il ghala ma ntghazlitx l-irhas offerta. Ir-raguni hija illi l-irhas offerta ta' Anthony Mercieca ma lahqitx ir-rekwiziti amministrattivi mitluba fl-offerta fir-rigward tal-financial stability. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-offerta tinghata lil KIP Ghawdex Ltd.

**5.3 M313-18 – Restawr Knisja Parrokkjali l-Gharb u z-zuntier.**

5.4 Gie spjegat illi gew sottomessi 3 offerti minn Dominic & Patrick Refalo, Baron Contracts Ltd u Joe Grima. Il-budget ghal din l-offerta kien ta' €90,000. Gie spjegat illi l-offerti gew mghoddija lill-bord ta' evalwazzjoni kompost bl-istess mod bhal fil-kaz tal-gbir ta' skart domestiku u li dan qed jirrakkomanda illi l-offerta tinghata lil Dominic & Patrick Refalo. Gie spjegat illi l-offerta ta' Joe Grima ma kinitx akkumpanjata mill-bid bond mandatorja u ghalhekk giet awtomatikament skwalifikata. L-offerta ta' Baron kienet tammonta ghal €177,967.00 u l-offerta ta' Dominic & Patrick Refalo kienet l-unika wahda fil-limitu tal-budget ghall-prezz ta' €86,262.65. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-offerta ghandha tinghata lil Dominic & Patrick Refalo.

5.5 Raymond Cassar staqsa kemm hemm zmien biex jitlesta x-xoghol tal-faccata. Gie spjegat illi z-zmien huwa ta' tlett xhur. Gie spjegat ukoll illi d-dawl tal-festa ser jibqa' jintrama u ghalhekk ser ikunu qed jinbidlu l-hooks ezistenti ghal hooks tar-ram bhala parti mix-xoghol ta' restawr.

**5.6 M313-03 – Supply and installation of playing equipment and safe surfaces**

5.7 Gie spjegat illi hawnhekk giet sottomessa offerta wahda minghand M Quip. Gie spjegat illi l-Bord qed jirrakkomanda li l-offerta tigi awarded lil Mquip. Il-budget allokat ghal din l-offerta kien ta' €45,000. Peress li kien hemm diversi ghazliet ta' *equipment*, l-ghazla ta' *equipment* ser tkun f'idejn il-konsulent tekniku tal-progett li ser jaghzel kumbinazzjoni ta' apparat fil-limiti tal-budget disponibbli. Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar it-tip ta' apparat li ser ikun stallat. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta ghandha tinghata lil MQUIP.

**5.8 Offerta Provvista ta' Hardware Items.**

5.9 Giet sottomessa offerta wahda minghand Rapa Showrooms. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-offerta.

**5.10 Offerta Servizzi ta' Perit/Projects Manager**

5.11 Gie spjegat illi kienu sottomessi 4 offerti minghand Perit Lewis, Perit Alex Bigeni, Perit Gordon Vella u Perit Edward Scerri A&CE.

5.12 Dawn l-offerti qed jigu evalwati mill-bord ta' evalwazzjoni u ser jergghu jigu diskussi hekk kif ikun finalizzat ir-rapport tal-Bord.

6.0 Il-Kunsill gie infurmat bil-lista ta' kwotazzjonijiet mohruga bhala parti mill-progett M313 – Leisure Park fi Triq Tumas Cassar li ser jaghlqu fit-30 ta' Jannar, 2013 u li jikkonsistu f'li gej:
Provvista ta' ghamara ghall-Lesiure Park
Provvista ta' Light fittings ghall-Leisure Park
Provvista ta' seating ghall-Lesiure Park
Installazzjoni ta' ghamara ghall-Leisure Park
Installazioni ta' Light fitting ghall-Leisure Park
Installazjoni ta' seating ghall-Leisure Park
Landscaping tal-Lesiure Park

6.1 Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €450.00 minghand Michael Formosa ghall-provissta ta' materjal ghal taghmir tat-toroq biex jintuzaw waqt attivitajiet pubblici fil-lokalita'.

7.0 Il-Kunsill ghadda ghal punt numru 5 tal-Agenda **Performance Bonuses**.

7.1 Is-Sindku iddikjara li ghandu interess familjari u filwaqt li talab lill-Vici-Sindku jippresiedi irtira mill-kamra. Il-Vici-Sindku ippresieda. Il-Kunsill approva il-hlas ta' Performance Bonuses lis-Segretarju Ezekuttiv ta' 10% u lill-iskrivana ta' 6%.

**7.2** Is-Sindku reggha lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Il-Kunsill ghadda ghal-punt numru 3 tal-Agenda **Estimi Finanzjarji 2013 u Pjan ta' Hidma.**

**7.3** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-estimi finanzjarji 2013 fejn kopja tad-dokument fil-format draft tieghu inghatat lill-membri kollha. Dawn gew spjegati u diskussi. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-PPP – Public Private Partnership for Road Resurfacing li qed jigi mplimentat mill-Kunsill permezz tal-kuntratt 11/10 mill-kuntrattur Gatt Tarmac

Ltd. Gie spjegat illi f'dawn l-estimi qed tigi allokata somma mill-allokazzjoni tal-Kunsill ghal dan il-progett, apparti fondi ohra li jigu mill-iskema tal-PPP, mill-WSC u Ministeru ghal Ghawdex. Gie spjegat illi fl-estimi 2014 il-Kunsill irid jivvota somma ohra ta' madwar €35000 mill-allokazzjoni tieghu biex isir il-hlas totali dovut lill-kuntrattur. Gie spjegat illi hekk kif tlestew ix-xogholijiet fi Triq il-Knisja u Triq Trux qed jithejjew il-kontijiet relatati. Dwar il-progett tac-Centru Civiku gie mfakkar illi ir-repayment tal-loan irid isir fuq perjodu ta' 15 il-sena u l-allokazzjoni fl-estimi 2013 tirrifletti l-ammont li jrid jithallas matul l-2013 jigifieri €2585.75 kull tlett xhur. Wara d-diskussjoni l-estimi 2013 gew approvati unanimament.

7.4 Saret diskussjoni dwar is-servizz tal-open-skips fejn Emanuel Muscat issuggerixxa illi dan is-servizz jitnehha u tinghata aktar promozzjoni lis-servizz tal-bulky refuse peress li dan ta' l-ahhar huwa ferm orhos. Raymond Cassar u Carmen Vella ma jaqblux li dan is-servizz jitnehha biex jigi evitat li jkun hemm rimi fil-Widien. Is-Sindku ssuggerixxa li s- servizz ghandu jithalla peress li issa l-Kunsill wasal lejn tmien il-legizlazzjoni u l-materja tkun diskussa minn Kunsill gdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-latrina pubblika ta' Pinu fejn gie spjegat illi l-kuntrattur prezenti mhuwiex lest li jkompli jopera il-latrini bir-rati tal-kuntratt il-qadim. Il-Kunsill qabel illi peress li l-latrini ser jinghalqu fi ftit zmiem minhabba l-progett li ser isir min naha tal-Knisja ta' Pinu, is-servizz tat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrini ghandu jinghata ghal ftit zmien lil ghaqda non governattiva Gharb Rangers FC li wrew interess li jaghmlu dan ix-xoghol. Ir-rati applikabbli ser ikunu dawk li kien qed jopera bihom il-kuntrattur u m'ghandux jinqabez il-limitu ta' *direct order* peress li huwa mistenni li l-progett jibda fi ftit zmien.

7.6 Il-Kunsill innota li hemm bozza mahruqa fi Triq il-Knisja hdejn ir-residenza Victoriam. Din ghandha tkun rapurtata ghat-tiswija.

7.7 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinxtara *filing cabinet* ghall-ammont ta' €275 minghand Orjenti Ltd. li hija mehtiega fl-ufficju Amministrattiv.

7.8 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi organizzata harga kulturali ghall-anzjani gewwa Ghawdex nhar il-Hadd 17 ta' Frar, 2013.

7.9 Il-Kunsill iddiskuta il-**Pjan ta' Hidma 2013-2015** fejn gew diskussi l-oggettivi u rizultati mistennija ghal qasir zmien (2013) kif ukoll oggettivi u rizultati mistennija ghal zmien fit-tul (2014-2015). Dwar wiehed mill-oggettivi ghall-2013 progett taht Mizura 125 gie spjegat illi qed jitkejjlu t-toroq minn Perit inkarigat mill-Awtorita' ta' Gestjoni

u suppost li ma jdumx ma jithabbru r-rizultati tal-applikazzjoni. Wara diskussjoni il-Pjan ta' Hidma 2013-2015 gie approvat.

7.10 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni li Wied il-Mielah qabel il-bridge in-naha tal-barumbara waqa xi hajt. Ser tittiehed nota biex dan jigi rrangat.

7.11 Raymond Cassar staqsa dwar il-moghdija ta' cables tad-dawl fit-trejqa li minn Triq Felic Grech taghti ghar-rahal ta' San Lawrenz fejn fil-prezent qed isiru xogholijiet ta' pavimentar min naha tal-Kunsill ta' San Lawrenz. Gie spjegat illi x-xoghol min naha tal-Enemalta fil-parti fejn qed isiru x-xogholijiet huwa lest.

7.12 Carmen Vella qalet li xi residenti li joqoghdu fil-Wied fi Triq Ta' Pinu qed jitolbu li ssir manutenzjoni tat-triq taghhom peress li ffurmaw hafna hofor wara x-xita. Is-Sindku spjega illi ghandu jigi il-Perit tal-Ministeru ghal Ghawdex biex jara r-rampa fi Triq l-Gharb u ser jitolbu biex jara din it-triq ukoll.

7.13 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta Nourish Our Town fejn gie spjegat illi kienu sottomessi zewg offerti u qed jigu evalwati mill-bord ta' evalwazzjoni. Gie spjegat fil-qosor ukoll it-tip ta' proposti li gew sottomessi.

**8.0** Il-Kunsill ghadda ghall-punt numru 7 tal-Agenda. **Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett M323 – Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project. Gie spjegat illi l-pavimentar taz-zuntier kappella San Dimitri miexi u bhala data tentattiva biex issir l-inawgurazzjoni tal-kappella huwa propost it-3 ta' Frar. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.2 Dwar il-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi kif jitlesta l-pavimentar ta' San Dimitri ghandu jibda' x-xoghol ta' pavimentar fuq taz-Zejt biex possibilment din tigi inawgurata fl-24 ta' Frar. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.3 Dwar il-pont fi Triq Sdieri gie spjegat illi l-gimgha d-diehla ser jehlu d-dwal fejn qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex dawn jinghataw id-dawl.

8.4 Dwar ir-restawr tas-shelter fil-Pjazza, gie spjegat illi x-xoghol miexi u l-parti tat-tindif hija lesta.

8.5 Dwar il-bini ta' hitan tas-sejjieh gie spjegat illi x-xogholijiet jinsabu ghaddejjin.

8.6 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur li bidel id-dwal fi Triq ta' Pinu halla l-kaxxi fuq il-bankini. Ghandu jsir rapport f'dan ir-rigward lil entita' koncernata.

8.7 Carmen Vella ssugeriet li ssir talba sabiex fi Triq ta' Pinu jehlu xi litter bins. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi mressqa t-talba lill-Ministeru ghal Ghawdex.

8.8 Dwar ix-xogholijiet ta' restawr tal-faccata tal-Knisja gie spjegat illi issa li ntaghzel il-kuntrattur, hekk kif jigi ffirmat il-kuntratt tkun tista' ssir il-billboard kif ukoll ir-residenti jigu nfurmati permezz ta' leaflet bl-informazzjoni ta' xogholijiet ta' restawr li ser isiru bhala parti mill-istess offerta. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.9 Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-progett PPP fejn fil-prezent qed isiru x-xogholijiet fil-parti ta' fuq ta' Triq Trux.

8.10 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett M313 – Kostruzzjoni ta' Leisure Park fi Triq Tumas Cassar fejn fil-prezent ghaddej ix-xoghol ta' kostruzzjoni kif ukoll ghaddej il-*procurement process* fuq il-bqija tal-progett kif diskuss precedentement.

Il-laqgha spiccat hin 6.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv